

Brussell, 14 ta' Frar 2022
(OR. en)

5592/22

CO EUR-PREP 1

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (24 u 25 ta' Marzu 2022) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preżidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. COVID-19

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa s-sitwazzjoni epidemjoloġika u tat-tilqim u jwettaq sforzi ta' koordinazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19. Ser jerġa' jirreferi wkoll għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-governanza tas-saħħa globali u s-solidarjetà.

II. SIGURTÀ U DIFIŻA

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu dibattitu strateġiku dwar is-Sigurtà u d-Difiża. Ser jiġi mistieden japprova l-Boxxla Strateġika.

III. SEMESTRU EWROPEW

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza prijoritajiet għas-Semestru Ewropew 2022 u ser jiġi mistieden japprova r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

IV. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Fil-kuntest tal-ġrajjet kurrenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi ta' politika barranija.

p.m.: enerġija